

Appell ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2018 minn Inge Barnett mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fis-16 ta' Mejju 2018 fil-Kawża T-23/17, Barnett vs Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

(Kawża C-503/18 P)

(2018/C 381/15)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Inge Barnett (rappreżentanti: S. Orlandi, T. Martin, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2018, Barnett vs KESE, T-23/17, EU:T:2018:271;
- tannulla d-deċiżjoni tal-KESE tal-21 ta' Marzu 2016, meħudha b'eżekuzzjoni tas-sentenza tat-22 ta' Settembru 2015, Barnett vs KESE, F-20/14, EU:F:2015:107;
- tikkundanna lill-KESE għall-ispejjeż.

Sussidjarjament:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2018, Barnett vs KESE, T-23/17, EU:T:2018:271;
- tannulla d-deċiżjoni tal-KESE tal-21 ta' Marzu 2016, meħudha b'eżekuzzjoni tas-sentenza tat-22 ta' Settembru 2015, Barnett vs KESE, F-20/14, EU:F:2015:107;
- tikkundanna lill-KESE tħallas lill-appellanti l-ammont ta' EUR 207 994,14 għad-dannu materjali mġarrab, flimkien mal-interessi moratorji kkalkolati mid-data tal-iskadenza tal-ammonti dovuti, bir-rata stabbilita mill-BĊE għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rfinanzjament, miżjuda bi tliet punt u nofs, kif ukoll ammont ta' EUR 25 000 għad-dannu morali mġarrab.
- tikkundanna lill-KESE għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi billi qieset li l-KESE seta', b'eżekuzzjoni tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, jillimita ruħu għall-eżami mill-ġdid tal-kandidatura tal-appellanti fid-dawl ta' allegat interess tas-servizz li ġie identifikat tliet snin wara l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni ta' każ ta' kandidatatura tagħha u li ma kienx magħruf mill-partijiet sal-20 ta' Marzu 2016. Dan l-allegat interess tas-servizz, li jelimina lir-rikorrenti mil-lista tal-benefiċjarji peress li hija indispensabbli għall-funzjonament tajjeb tas-servizz, ma għandu l-ebda rabta mad-DĠI tal-KESE applikabbli. Barra minn hekk, dan il-preżunt interess tas-servizz ġie invokat mingħajr konsultazzjoni mal-Kumitat Konġunt. Dan il-korp konġunt kien madankollu indika fl-2013 li fil-każ ta' rinunzja ta' wieħed miż-żewġ benefiċjarji tal-miżura, jiġi suġġerit li dan il-vantaġġ jingħata lill-appellanti, fid-dawl tal-interess tas-servizz.

L-appellanti ssostni wkoll li l-Qorti Ġenerali kisret l-awtorità ta' *res judicata* tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Fl-aħħar nett, is-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi fis-sens li l-Qorti Ġenerali qieset li, minkejja t-tħassir tal-bażi legali neċessarja għall-adozzjoni tad-deċiżjoni appellata, il-KESE baqa' kompetenti sabiex jadotta deċiżjoni bħala tweġiba għall-kandidatura tal-appellanti. Meta indirizzat dan il-motiv, il-Qorti Ġenerali barra minn hekk żnaturat l-argumenti invokati insostenn tal-eċċezzjoni ta' inkompetenza mqajma mill-appellanti.

Appell ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2018 minn Marion Le Pen mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fid-19 ta' Awwissu 2018 fil-Kawża T-86/17, Le Pen vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-525/18 P)

(2018/C 381/16)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Marion Le Pen (rappreżentant: R. Bosselut, avocat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

— tannulla s-sentenza mogħtija fid-19 ta' Ġunju 2018 mis-Sitt Awla tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-86/17.

Għaldaqstant:

— tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tal-5 ta' Diċembru 2016, meħuda skont l-Artikolu 68 tad-Deċiżjoni 2009/C 159/01 tal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 “dwar miżuri li japplikaw l-Istatut tad-Deputati tal-Parlament Ewropew” [(iktar 'il quddiem il-“miżuri ta' applikazzjoni”)], kif emendata, li tikkonstata debitu fl-ammont ta' EUR 298 497,87;

— tannulla n-nota ta' debitu Nru 2016-1560 innotifikata fis-6 ta' Diċembru 2016 li tinforma lill-appellanti li kien għet kkonstatat debitu fil-konfront tagħha skont deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-5 ta' Diċembru 2016, u li tikkonċerna l-irkupru tas-somom imħallsa indebitament fir-rigward tal-assistenza parlamentari, b'applikazzjoni tal-Artikolu 68 tal-miżuri ta' applikazzjoni u tal-Artikoli 78, 78 u 80 tar-Regolament Finanzjarju;

— taqta' u tiddeċiedi dwar l-ammont li għandu jiġi allokati lill-appellanti bħala kumpens għad-dannu morali kkawżat mill-akkużi infondati magħmula qabel il-konklużjoni ta' investigazzjoni, mill-ħsara għall-immagħini tagħha, kif ukoll mill-inkwiet kunsiderevoli kkawżat fil-ħajja personali u politika tagħha mid-deċiżjoni kontenzjuża;

— taqta' u tiddeċiedi dwar l-ammont li għandu jiġi allokati lill-appellanti bħala spejjeż proċedurali;

— tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż kollha;

— qabel tiddeċiedi: tistieden lill-Parlament jipproduċi l-fajl amministrattiv tas-Sinjura CG, ir-rekords dwar id-dħul u l-ħruġ tas-Sinjura CG mis-sede tal-Parlament fi Strasbourg u fi Brussell, l-ittra anonima li tat lok għall-ftuħ tal-proċedura kontenzjuża u l-fajl OLAF dwar l-appellanti u l-assistenti tagħha.